# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 536/2022 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MS**

**Vs**

**GS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici data 10 ta' Ottubru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kienet izzewget lill-intimat nhar l-14 t'April tas*-sena 2012 *(Dok A);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt'itfal u cioe AS li twieldet nhar X u BS li twieled nhar Y u li ghalhekk ghadhom minorenni.*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat 28 t'Ottubru 2020 (Vide Dok 'B');*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal aktar minn 23 xahar u ghalhekk huma ilhom daqstant ma jghixu flimkien.*

5. *Illi r-rikorrenti ma tarax li hemm l-ebda prospett ragonevoli li huma jistghu*

*jirrikonciljaw;*

6. *Illi l-manteniment ghall-ulied sal-lum qieghed jithallas regolarment.*

7. *Illi r-rikorrenti tixtieq tigi awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti li tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Dimech.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja illi z-zwieg ta' bejnha u l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*
2. *Tawtorizzaha li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe', 'Dimech';*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 24 ta' Novembru 2022, a fol 19 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti gie debitament notifikat bir-irkors tar-rikorrenti u ser jghaddi biex iwiegeb;*

*Illi b'risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti jissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti u ghalhekk mhux qieghed jikkontesta u/jew jopponi ghat-talba tar-rikorrenti;*

*Illi u a'skans ta' repetizzjoni l-esponenti jiddikjara li bejn il-partijiet ma jezistu ebda pendenzi ta' manteniment, ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni u li l-partijiet ilhom de facto separati mill- 5 ta' April, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u li ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti ai termini tal-Ligi sabiex it-talba tar-rikorrenti tkun milqugha;*

*Tant ghandu x'jissottometti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 20) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-14 ta' April 2012, u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, li ghadhom minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 28 ta' Ottubru 2020 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonferma illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 25) u kkonferma u kkorrobora dak li xehed l-intimat.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-***

***sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-l-14 ta' April 2012, liema zwieg jgib certifikat numru 498/2012 (Vide fol 2 certifikat taz-zwieg, Dok A). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-

Nutar Dr Joseph Debono nhar it-28 ta' Ottubru 2020 (Dokument B vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 498/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe', 'Dimech, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**